MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 640/2014

***Spinola Development Company Limited***

***(C-331)***

**vs**

***Events Travel and Incentives Limited***

***(C-13049)***

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat it-18 ta' Lulju, 2014, li permezz tieghu r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi s-socjeta` rikorrenti hi kreditrici tas-socjeta` intimata fl-ammont komplessiv ta' mija u sebghat elef sitt mija u wiehed u sittin Ewro u erba` centezmi, (€107,661.04), oltre l-imghaxijiet kummercjali bit-tmienja fil-mija, (8%), fis-sena sal-hlas effettiv u bl-applikazzjoni tad-disposti ta' l-artiklu 26A *et sequitur* tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti s-sorte, balanc min somma akbar ghall-akkommodazzjoni u servizzi relatati prestati minnha lis-socjeta` intimata fil-lukanda Hilton, f'Portomaso, San Giljan, minnha gestita, (ara prospetti in atti a foll 5 sa 25);

1.2 Illi fuq is-somma t'€14,856.27 li tifforma parti mis-somma komplessiva fuq citata, hemm dovuti imghaxijiet mill-1 ta' Frar, 2013, (ara foll 6);

1.3 Illi fuq is-somma ta' €92,804.77, li tifforma parti mis-somma komplessiva fuq citata, hemm dovuti imghaxijiet mill-24 t'April, 2013, (ara foll 16);

1.4 Illi *nonostante* li debitament interpellata biex thallas l-ammont komplessiv fuq indikat, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.5 Illi l-ammont dovut hu cert, likwidu u dovut mis-socjeta` intimata lis-socjeta` rikorrenti;

1.6 Illi s-socjeta` intimata m'ghandiex eccezzjonijiet x'tipproduci;

1.7 Illi ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti kienet kostretta tadixxi din il-qorti u talbet lill-istess biex:

1.7.1. Tiddeciedi din il-procedura bid-dispensa tas-smiegh *a tenur* ta' l-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.7.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata biex thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont komplessiv minnha lilha dovut ta' mija u sebghat elef sitt mija u wiehed u sittin Ewro u erba` centezmi, (€107,661.04), oltre l-imghaxijiet kummercjali dovuti bir-rata minima ta' tmienja fil-mija, (8%), fis-sena, sal-pagament effettiv u bl-applikazzjoni tad-dispost tal-artiklu 26A *et sequitur* tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta fuq is-somma ta' €14,856.27, (formanti parti mis-somma komplessiva precitata), mill-1 ta' Frar, 2013, u fuq is-somma ta' €92,804.77, (formanti parti mis-somma komplessiva precitata), mill-24 t'April, 2013;

1.7.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta` intimata;

2. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

3. Ikkonstatat li s-socjeta` intimata giet debitament notifikata bil-procedura *de quo* permezz tal-pubblikazzjoni skont il-ligi;

4. Semghet lix-xhud prodott;

5. Tikkonstata li s-socjeta` intimata baqghet fi stat ta’ kontumacja;

6. Tikkonstata li t-talba ghad-dispensa tas-smiegh ghalhekk ma gietx kontestata;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi tenut kont li r-rikors guramentat promotur gie debitament irrikonfermat mir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti li sintetikament sostniet:

7.1. Illi l-ammont komplessiv mitlub mis-socjeta` intimata lis-socjeta` rikorrenti ghadu dovut;

7.2. Illi mill-prezentata tar-rikors guramentat promotur is-socjeta` intimata m’effetwat l-ebda pagament lis-socjeta` rikorrenti;

8. Illi ghalhekk l-ammont komplessiv fuq indikat ghadu kollu dovut kif mitlub mill-istess socjeta` rikorrenti fir-rikors guramentat *de quo*;

Ikkunsidrat:

9. Illi *nonostante* li l-istess socjeta` intimata inghatat l-opportunita` *ai termini* tal-artiklu 170(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, baqghet ma pprezentat l-ebda sottomissjoni sat-terminu lilha indikat;

Ikkunsidrat:

10. Illi ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

10.1. Tiddeciedi din il-procedura bid-dispensa tas-smiegh *a tenur* ta' l-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

10.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata *Events Travel and Incentives Limited* biex thallas lis-socjeta` rikorrenti *Spinola Development Company Limited* is-somma komplessiva minnha lilha dovuta ta' mija u sebghat elef sitt mija u wiehed u sittin Ewro u erba` centezmi, (€107,661.04), oltre l-imghaxijiet kummercjali dovuti bir-rata minima ta' tmienja fil-mija, (8%), fis-sena, sal-pagament effettiv u bl-applikazzjoni tad-dispost ta' l-artiklu 26A *et sequitur* tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta fuq is-somma t'€14,856.27), (formanti parti mis-somma komplessiva precitata), mill-1 ta' Frar, 2013, u fuq is-somma ta' €92,804.77, (formanti parti mis-somma komplessiva precitata), mill-24 t'April, 2013;

10.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta` intimata fuq imsemmija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------